Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10447 — NN / METLIFE GREECE / METLIFE POLAND)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 453/04)

1. Fid-29 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— NN Group N.V. ("NN", in-Netherlands),

— MetLife Life Insurance S.A. ("MetLife Greece", il-Greċja),

— MetLife Towarzystwo Ubezpieczeń na Życie i Reasekuracji S.A. ("MetLife Poland", il-Polonja).

NN takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll ta' MetLife Greece u ta' MetLife Poland kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— NN: kumpanija tas-servizzi finanzjarji kkwotata fuq Euronext Amsterdam bi preżenza f'20 pajjiż, inklużi diversi pajjiżi Ewropej u l-Ġappun. NN toffri servizzi ta' rtirar, pensjonijiet, assikurazzjoni, investimenti, u servizzi bankarji. NN hija attiva *inter alia* fil-Polonja, fl-assikurazzjoni tal-ħajja (inklużi l-pensjonijiet) u l-ġestjoni tal-assi, u fil-Greċja, fl-assikurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa (inklużi l-pensjonijiet),

— MetLife Greece: il-provvista ta' assikurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa (inklużi l-pensjonijiet) fil-Greċja,

— MetLife Poland: il-provvista ta' assikurazzjoni tal-ħajja (inklużi l-pensjonijiet) u l-ġestjoni tal-assi fil-Polonja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10447 — NN / METLIFE GREECE / METLIFE POLAND

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").